**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 25**

**Data:** **26 ta' Frar, 2020**

**Hin:** **08.30am**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

25.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

25.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

25.5 Korrispondenza u Rapporti;

25.6 Approvazzjoni Unaudited Financial Statements

25.7 Coaching *Health and Obesity*;

25.8 Posters li jippromwovu l-Hajja fi Triq l-Gharb;

25.9 Progetti u Xogholijiet;

25.10 Materji ohra;

25.11 Skeda ta’ Pagamenti;

25.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**25.1 Qari tal-ittri ta’ apologiji**

25.1.1 Inqrat ittra ta’ apologija minghand il-Kunsillier Tonio Mifsud fejn huwa spjega li peress li inbidlet il-gurnata tal-laqgha ma setghax jattendi. Il-Kunsill qabel li huwa ghandu jigi skuzat.

**25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

25.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

25.3.1 Is-Sindku issugerizza li ghal zmien l-Ghid il-Kunsill iqassam bajd ta’ l-Ghid lit-tfal tal-lokalita’ jew lil kull residenza. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandhom jitqassmu lit-tfal u dan isir wara il-Quddiesa ta’ l-10am. Miriam Borg issuggerit ukoll li ssir easter egg hung fil-Pjazza ghat-tfal. Tkompliet id-diskussjoni dwar kif tista’ tigi organizzata fejn il-Kunsill qabel li ghandu jipprepara banner ta’ din l-attivita’ u l-easter egg hunt tinzamm l-Erbgha 7 ta’ April u l-Arcipriet jigi infurmat sabiex ikun jista’ javza lill-genituri.

Is-Sindku qal li b’rabta ma’ l-Ghid nhar Hadd il-Palm il-grupp ta’ l-Infiorata ser itella’ infiorata tal-melh fil-Pjazza. F’kaz ta’ maltemp din tkun mghottija bit-tinda. Il-Kunsill qabel li bhas-snin precedenti din ghandha terga’ ssir.

25.3.2 Is-Sindku irrefera ghall-korrispondenza dwar il-Belt / Lokalita’ kulturali 2022 li kienet waslet sabiex dawk il-Kunsilli interessati seghu japplikaw. Is-Sindku qal li l-Kunsill qieghed ghaddej bil-hidma tieghu sabiex il-Kunsill ikun jista’ japplika ghal Belt/Lokailta’ Kulturali 2022. Gie spjegat li din l-applikazzjoni hija wahda komplessa u fiha hafna hsieb. Ghaldaqstant kienet instabet kumpanija Maltija sabiex tkun tista’ tghin fl-applikazzjoni biex tkun wahda ta’ kwalita’ u nkunu bic-cans li nipprezentaw applikazzjoni ta’ livel. Gie diskuss is-sehem u l-metodi ta’ kif ser tinhadem l-applikazzjoni u l-Kunsill qabel unanimament li din il-kumpanija ghandha tiehu hsieb l-applikazzjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku kompla jispjega li din l-applikazzjoni tirrekjedi ukoll li ghandu jkun hemm is-sehem tar-residenti f’diversi oqsma u ghal dan il-ghan il-gimgha d-diehla jridu jsiru focus groups online kif ukoll laqgha mall-Kunsilliera. Gew ghalhekk diskussi l-ahjar granet u hinijiet meta jistghu jsiru sabiex il-Kunsill ikun jista’ jibghat l-inviti lil numru ta’ nies li jistghu jkunu nteressati fosthom membri

tal-ghaqdiet mhux governattivi tal-lokalita'. Is-Sindku ta spjegazzjoni ukoll li f'din l-applikazzjoni jridu jigu inkluzi attivita' kull xahar li minnhom tnejn iridu jkunu ta' certu livell u importanza.

Fir-rigward ta' din l-applikazzjoni gie innotat ukoll li l-ammont li jigi moghti jekk tintlaqa' l-applikazzjoni kien ta' €200,000. Ma' dan l-ammont il-Kunsill jista' jikkometti sa massimu ta' €200,000 ohra. Is-Sindku zied jghid li r-Regjun kien qieghed jikkommetti li jaghti s-somma ta' €50,00 jekk dan il-premju prestigjuz jintrebah minn Kunsill Ghawdxi. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi bis-sottomissjoni ta' din l-imsemmija applikazzjoni.

25.3.3 Is-Sindku qal li kif gia gie diskuss ser ikun hemm festival ta' bizzilla barra minn xtutna fejn inharget sejha sabiex dawk kollha interessati ghandhom jaghtu isimhom. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu sehem f'dan il-festival.

25.3.4 Gie spjegat li r-Regjun t'Ghawdex kien qieghed iniedi skema regjonali dwar l-ambjent fejn ir-Regjun kien ser jaghti ghajnuna ta' €10,000 ghal kull progett. Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japplika ghal ghajnuna biex tigi rinnovata z-zona ta' fejn il-pinnur fi Triq San Dimitri fejn il-Kunsill diga ghandu l-applikazzjoni approvata min-naha tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Is-Sindku zied jghid ukoll li f'din iz-zona l-Awtorita' ta' l-Ippjanar kienet issugeriet u approvat gibjun f'din l-istess zona. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel mas-suggeriment tas-Sindku li ssir applikazzjoni ghal din iz-zona taht l-iskema imsemmija.

25.3.5 Applikazzjoni ohra li qeghda tigi imnedija mir-Regjun t'Ghawdex hija fuq skema Kulturali fejn il-Kunsill jista' japplika fuq attivita' ezistenti jew ohra sabiex issir fuq skala akbar. Giet diskussa din l-applikazzjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu l-ewwel jikkoncentra fuq l-applikazzjoni tal-Belt Kulturali u wara jerga' jiddiskuti din l-iskema.

**25.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

25.4.1 Giet trattata mistoqsija minghand Joseph Mizzi fir-rigward tax-xogholijiet ta' Triq Birbuba fejn talab *update* tax-xogholijiet f'din it-triq u fl-istess waqt innota li t-tabella tad-diversion ghandha titranga u jsirilha Gharb Centre maghha u mat-tabella ta' Triq Birbuba kantuniera ma' Triq Mongur issir tabella *except for residents*. Is-Sindku wiegeb li x-xogholijiet f'din it-triq kellhom jieqfu minhabba li l-haddiema tal-kumpanija involuta kienu jinsabu fuq kwarantija minhabba l-Covid. Fir-rigward tat-tabelli dawn kellhom jitrangaw aktar tard illum stess.

25.4.2 Joseph Mizzi staqsa ukoll dwar is-sitwazzjoni tal-bankina ta' Triq Mongur fejn is-Sindku wiegeb li din hija materja li taqa' taht il-Gvern Centrali u mhux tal-Kunsill Lokali.

25.4.3 Giet trattata mistoqsija ohra minghand Joseph Mizzi fejn talab *update* tax-xoghol li jehtieg fuq l-arkata ta' Triq ta' Sdieri u min kien responsabbli minn dan ix-

xoghol. Is-Sindku spjega li dan ix-xoghol ilu pendenti sa mill-2014 u li din it-triq kienet responsabilita' tal-Ministeru ghal Ghawdex. Huwa zied jghid li fuq din il-materja kienu intbghatu diversi reminders. Is-Sindku zied jghid li l-midja lokali qed tibghat issaqsi fejn waslu x-xogholijiet u meta ser jitlestew. Il-Kunsill qabel li ghandhom jibqghu jintbghatu *reminders* lill-Ministeru fuq din il-materja.

**25.5 Korrispondenza u Rapporti**

25.5.1 Gew trattati applikazzjonijiet ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar: PA/00596/21, PA/0063/21, PA/00661/21, PA/00066/21, PA/00984/21, PA/01033/21 u PA/01136/21.

25.5.2 Is-Sindku informa lill-membri li kienet saret talba mall-Kunsill sabiex fil-parti t'isfel ta' Triq Trux isir parking bay tal-muturi. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir talba quddiem it-Transport Malta.

**25.6 Approvazzjoni Unaudited Financial Statements**

256.1 Gew diskussi l-Unaudied Financial Statements fejn is-Sindku spjega li kif jidher il-Kunsill hareg b'bilanc pozitiv. Din il-materja kompliet tigi diskussa fejn is-Sindku ta' dettalji dwar x'kien jinkludi. Joseph Mizzi staqsa jekk jistghux jittiehdu kopja fejn il-Kunsill qabel li tinghata l-kopja finali hekk kif isir l-Audit peress li dawn ikunu l-versjoni finali. Il-Kunsill qabel mall-Financial Statements u dawn ghandhom jintbghatu sabiex isiru l-verifiki necessarji min-naha ta' l-Awditur.

**25.7 Coaching *Health and Obesity***

25.7.1 Is-Sindku qal li minhabba l-pandemija hemm numru ta' nies li qeghdin ibghatu bid-depression u ghal daqstant huwa ssuggerixxa li ssir sezzjoni online bi skeda dwar kif wiehed ghandu jaghmel ezercizzju u kif l-ahjar li jiekol. Apparti minnhekk huwa ssugerixxa li dawk li jiddeciedu li jiehdu l-kors ikollhom opportunita' ta' chat ghal parir privat. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li dan ghandu jkun kors online bil-maghluq. Is-Sindku ssugerixxa lill-ghalliema li taghmel lezzjonijiet tal-pilates u aerobics. Joseph Mizzi ssugerixxa jekk hemmx xi had mill-Gharb stess. Gie innotat li ahjar ma jkunx xi hadd lokali minhabba li xi nies jistghu jhossuhom imbarazzati u ma jidhlux ghal din ir-raguni. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li ghandu jistaqsi lill-ghalliema li normalment taghmel il-pilates.

**25.8 Posters li jippromwovu l-Hajja fi Triq l-Gharb**

25.8.1 Is-Sindku ssugerixxa li jitwahhlu banners matul Triq l-Gharb li jippromwovu l-hajja. Huwa ssugerixxa li ghandu jigi avvicinat Fr. Samuel sabiex isiru bl-ghajnuna ta' l-adoloxxenti bhal ma' kien sar fi zmien is-Sibtijiet tal-Madonna. Il-posters ghandhom isiru tal-qies 8 x 4 u jehlu matul it-Triq. Il-Kunsill qabel ma' dan u qabel ukoll li ghandhom jinxteghlu dwal fi zmien il-Ghid u jintghu l-floodlight.

**25.9 Progetti u Xogholijiet**

25.9.1 Is-Sindku qal li fil-prezent il-Kunsill ghaddej bil-hidma fuq il-bini tal-hitan tas-sejjieh bhala parti mill-Mizura 4.4. Ser ikunu qeghdin jittiehdu l-mizura ta' fejn waslu s'issa sabiex isir kollox skond il-fondi li hemm disponibbli. Is-Sindku ta' spjegazzjoni lill-membri taz-zoni li fihom ser isiru l-interventi tal-bini tal-hitan tas-sejjieh.

25.9.2 Xogholijiet ohra huma dawk relatati ma' Triq Birbuba li gew diskussa aktar kmieni fil-laqgha. Xogholijiet ohra jinkludu ukoll dawk ta' Triq ta' Sdieri fejn huma importanti li jibdew peress li hemm problema bit-trakkijiet ghaddejjin mic-centru tar-rahal. Is-Sindku qal li hemm problema peress li dawn ma jistghux jghaddu minn Wied il-Mielah peress li t-triq hija perikoluza. Il-Kunsill qabel li ghandu jkompli jaghmel pressjoni sabiex it-triq ta' Sdieri ssir minghajr aktar dewmien.

25.9.3 Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien qieghed ukoll jistenna stima tal-gibjun ta' fejn il-Wied ta' Jodros u fuq dan il-punt is-Sindku qal li huwa kien talab lill-perit sabiex jahdem stima ghat-tisbih tal-belveder tal-Wied ta' Jodros. Huwa zied jghid li kwalunkwe xoghol li jsir trid tinghata l-attenzjoni biex ma jigix iddisturbat il-pedestal li jitpogga fiz-zmien il-festa.

**25.10 Materji ohra**

25.10.1 Il-Vici Sindku qal li ricentament kienet mietet persuna li kienet devota kbira ta' Frenc ta' l-Gharb. Is-Sindku talab li jigi skuzat peress li kellu interess personali u ghaldaqstant talab lill-Vici Sindku jippresiedi u hareg mil-laqgha.

Il-Vici Sindku ppropona li ssir figura / monument fejn l-istatwa ta' Frenc l-Gharb Joseph Mizzi qal li tista' ssir hekk jew fejn ir-remissa fejn kien iservi fi Triq Frenc ta' l-Gharb. Huwa ssugerixxa ukoll li l-isqaq ta' fejn kienet toqghod din il-persuna jinghata l-isem tal-persuna stess. Miriam Borg qalet li hija taqbel li issir l-istatwa li tkun thares lejn il-monument u fl-istess hin tkun qeghda thares lejn il-knisja. Il-Vici Sindku qal li huwa ukoll jaqbel li l-Isqaq jisemma ghal din il-persuna. Joseph Mizzi ssugerixxa ukoll li jista' jsir xi bust ma' l-isem. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi kkuntatjat il-kumitat tat-tismija tat-toroq f'dan ir-rigward u ghandha tigi avvicinata l-familja f'dan ir-rigward u jigu ssugerit kemm monument kif ukoll l-isem tat-triq.

Is-Sindku gie imsejjah u dahal lura fil-kamra.

25.10.2 Is-Sindku spjega li l-Kunsill irid johrog offerti bhala parti mill-progett ta' Italia-Malta. Giet diskussa din il-materja fejn il-Kunsill qabel li dawn l-offerti ghandhom johorgu b'mod accellarat.

**25.11 Skeda ta' Pagamenti**

25.11.1 L-iskeda giet approvata u flimkien maghha l-Kunsill approva ukoll il-

membership tal-Assocjazzjoni ta' l-Infiorata li tinkludi fiha ukoll tal-UNESCO.

**25.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

24.13.1 Is-Sindku spjega li Tonio Mifsud ikun disponibbli biss nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis minhabba xoghol. Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 23 ta' Marzu, 2021 fit-8.30am.

24.13.2 Is-Sindku ssugerixxa li jekk iz-zmien ikun jippermetti minhabba l-pandemija peress li l-ikla tal-Milied ma' saritx din issir fi zmien l-Ghid. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

22.12.2 Il-laqgha spiccat fid-9.24am.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |